TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 490/10

**Emmanuel Spiteri**
**vs**
**Diesel Store**

Illum 28 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' tmienja u sebgħin ewro (€78), rappreżentanti prezz ta' żewġ flokkijiet tad-diesel li wara li nħaslu, l-arma tad-diesel kważi telqet għal kollox.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi huwa kien xtara żewġ flokkijiet tad-diesel mingħand id-ditta intimata għal prezz ta' tmienja u sebgħin ewro (78), u wara xi żmien illi kienu nħaslu, l-arma tad-diesel kważi telqet għal kollox, u illi ġralhom il-ħsara bil-ħasil, minkejja li r-rikorrenti mexa fuq l-istruzzjonijiet tal-intimat sabiex jaħsel il-flokkijiet b'idejh.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat debitament notifikat kemm bl-avviż tat-talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smigħ u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta.

It-Tribunal, jinnota wkoll illi sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal, jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibli u aċċettabli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' sittin ewro (€60), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888